# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' Sessjoni*

**A6-0021/2008**

29.1.2008

*****

# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati ta' sisa fuq it-tabakk manifatturat (verżjoni kodifikata)
(COM(2007)0587 – C6-0392/2007 – 2007/0206(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Francesco Enrico Speroni

(Kodifikazzjoni – Artikolu 80 tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_CNS_Codification

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error! Bookmark not defined.**

ANNESS ........................................................................................**Error! Bookmark not defined.**

PROĊEDURA..................................................................................**Error! Bookmark not defined.**

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati ta' sisa fuq it-tabakk manifatturat (verżjoni kodifikata)**
**(COM(2007)0587 – C6-0392/2007 – 2007/0206(CNS))**

**(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0587),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0392/2007),

– wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0021/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament;

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

**ANNESS**

Brussell, 21.11.2007

# *Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni*

**Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat**

**COM(2007)0587 of 11.10.2007 – 2007/0206 (CNS)**

Wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għal kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġiżlattivi, u b'mod partikulari għal punt 4, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li jikkonsisti fis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fis-17 ta' Ottubru 2007 għall-iskop ta' eżaminar, fost l-oħrajn, tal-proposta msemmija qabel imressqa mill-Kummissjoni.

Fil-laqgħa[1], analiżi tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tikkodifika d-Direttiva tal-Kunsill 92/79/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tat-taxxi fuq is-sigaretti, id-Direttiva tal-Kunsill 92/80/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tat-taxxi fuq it-tabakk fabbrikat li mhux sigaretti u d-Direttiva tal-Kunsill 95/59/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar dwar taxxi li mhumiex taxxi fuq il-qliegħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat wasslet biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jistabbilixxi b'kunsens komuni dan li ġej.

1) Fl-Artikolu 1, il-virgola li tidher wara l-kelma *"armonizzazzjoni"* għandha titneħħa.

2) Ir-referenza *"95/59/KE Art. 19"* li tidher fil-kaxxa ta' referenza wara l-Artikolu 22 kellha tinkludi wkoll l-indikazzjoni *"(adattat/a)"*.

B'konsegwenza ta' dan, l-analiżi tal-proposta ppermettiet il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv biex jikkonkludi, mingħajr nuqqas ta' qbil, li l-proposta hija kodifikazzjoni sinċiera ta' testi attwali, mingħajr xi bdil fis-sustanza tagħhom.

| | | |
|---|---|---|
| C. PENNERA | J.-C. PIRIS | M. PETITE |
| Jurisconsult | Jurisconsult | Direttur Ġenerali |

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu fid-dispożizzjoni tiegħu 22 verżjoni fil-lingwi uffiċjali tal-proposta u ħadem fuq il-bażi tat-test bl-Ingliż, peress li dan huwa l-kopja tal-verżjoni tal-lingwa ewlenija tad-dokument diskuss.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (Verżjoni kkodifikata) |
| **Referenzi** | COM(2007)0587 – C6-0392/2007 – 2007/0206(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 24.10.2007 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>13.11.2007 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Francesco Enrico<br>Speroni<br>23.10.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 22.1.2008 |
| **Data tat-tressiq** | 29.1.2008 |